


# Nazju Magro
## (1926-1985)

**Tagħrif miġbur**

**minn Joseph Spiteri**

Nazju Magro twieled il-Qrendi nhar id-29 ta' Jannar 1926, bin Joseph u Rosanna née Mallia. Huwa ġie mgħammed ġewwa l-knisja ta' Santa Marija, Parroċċa tal-Qrendi fil-31 ta' Jannar 1926. Imma ta' età żgħira l-familja tiegħu ġarrew lejn Ħal Balzan.


*Nazju Magro (l-ewwel mix-xellug)*

Bħal kull tifel tista' tgħid li kien hawn ġo Ħal Balzan, Nazju magħruf bħala tal-Qrendija (laqam li akkwistah mir-raħal li kien ġej minnu) mill-ewwel beda jieħu interess fil-festa ta' Marija Annunzjata. Fil-fatt Nazju minn età żgħira beda jattendi l-każin tal-Banda San Gabriel, sabiex minnu din l-Għaqda jkun jista' jagħti s-sehem tiegħu aħjar. Hekk jinsab dokumentat fil-ktieb ta' l-abbonament tal-kazin li Nazju ġie msieħeb membru ġdid ta' din is-Soċjetà fil-15 ta' Frar 1948.

Meta wieħed jaqra l-istorja tal-każin, f'dawk iż-żminijiet isib li ma tantx kien xi żmien feliċi għas-Soċjetà tagħna, kien żmien ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija u kien żmien li l-każin tagħna tilef wieħed mill-pilastri tiegħu ħabta u sabta, lill-imgħallem Wiġi Ebejer fl-età ta' 41 sena u li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' segretarju. Fil-fatt jien niftakar lil Nazju jgħidli li tant kien żmien diffiċli li ġieli kienu jkunu biss hu u Ġużeppi l-Keti kemm il-każin ma jagħlaqx. Din il-burraxka għaddiet hekk kif deher Gabriel Caruana, il-bniedem dinamiku li kellu jagħti ħajja ġdida lis-Soċjetà. Żgur li wieħed mill-membri li Gabriel Caruana seta' jistrieħ fuqu kien Nazju Magro.

Kien proprju nhar il-Ħadd filgħodu, 7 ta' Jannar 1951 li f'seduta ġenerali Nazju saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu fil-każin, meta għall-ewwel darba ġie elett membru tal-kumitat eżekuttiv. Nazju flimkien ma' membri żgħażagħ oħra bdew jagħtu nifs ġdid lill-każin.

Hekk insibu lil Nazju jagħti s-sehem tiegħu f'dak kollu li l-każin kien qiegħed jorganizza dak iż-żmien, fosthom karrijiet tal-Karnival, it-twaqqif tal-Banda San Gabriel u fuq kollox, tant għal qalbu, l-armar u l-ġbir għall-festa Marija Annunzjata.

Iżda żgur li Nazju jibqa' msemmi għall-volum ta' xogħol manwali li għamel fil-każin. Ta' min jgħid li meta nxtara l-bini li għandna llum fl-1957, dan kien għamel xi żmien magħluq, ma jintużax, għalhekk wieħed jista' jimmaġina li dan il-lokal kellu bżonn manutenzjoni kbira u Nazju flimkien ma' diversi membri oħra ta l-kontribut tiegħu kemm felaħ.

Ħaġa li jien kont nammira fih mill-ftit ħin li qattajt miegħu hija li kien iħobb tassew il-każin u ftit kien jiftaħar b'ħidmietu anzi niftakar ridt toqgħod issaqsieh x'għamel għall-każin. Huwa kien ukoll ħabrieki ħafna fejn jidħol l-armar tal-festa, armar li dak iż-żmien kien jirrikjedi ħafna tbatija peress li ma kienx hawn il-makkinarju li hawn illum.

Biżżejjed ngħidu jew insemmu dak il-ġiri bis-sellum forċi fih m'ogħla s-smewwiet, li ma nkunx qiegħed nesaġera li riedu jkunu erba' min-nies mibnija b'saffejn sabiex immexxuh. Mhux l-ewwel darba wkoll li Nazju ta s-sehem tiegħu fix-xogħol tan-nar, speċjalment fl-1969 meta kienet is-sena tat-tielet ċentinarju mill-bini tal-knisja parrokkjali. Imma mbagħad f'dawk it-tlett ijiem tal-festa kienet tintesa t-tbatija kollha.

U għalkemm Nazju kien ta' natural kwiet u ta' ftit kliem u bil-kemm ma nazzardax ngħid li kien xi ftit mistħi, xorta kien isib il-mument jesprimi l-ferħ ta' wara sena ħidma għall-festa u l-każin.

Dan kont taraħ speċjalment waqt il-marċi brijużi, b'kappell kbir bħal tal-Messikani biex jevita r-raxx tan-nar u kienet l-hena tiegħu jaħraq il-ġerasuri li llum ma għadniex narawhom mal-marċi (dawn kienu jkunu speċi ta' rdieden żgħar). Jiena naħseb li kien ikollhom xi *pika* (pika ta' ħbieb) hu, u Ġanni l-Pizzirell, għax ma kinux jieqfu jaħarqu, tista' tgħid matul il-marċ kollu, u Ġużeppi Calleja erħilu jqassam is-sfafar li llum spiċċaw ukoll. Ta' min jgħid ukoll li kif kien jispiċċa kollox ma kienx jonqos dak il-grokk jew flixkun birra kiesaħ.

Nazju mhux biss ħadem għall-każin iżda ħadem ukoll biex rabba familja kif suppost. Huwa kien miżżewweġ lil Lorenza, u minn dan iż-żwieġ kellhom erbat itfal. Illum fil-fatt għadna ngawdu l-ħidma ta' wieħed minn uliedu, Bertu Magro, li jifforma wieħed mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, u żgur ma jagħmilx għajb lil missieru fejn tidħol il-ħidma tas-Soċjetà tagħna.

Kien il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru 1995, li filgħaxija kellha ssir seduta ġenerali sabiex jiġi elett kumitat ġdid, iżda malajr tħassret ħesrem. Jiena wasalt mix-xogħol, u hekk kif dħalt id-dar, ommi staqsietni, "Taf x'ġara?" Jien għidtilha, "X'ġara?" Qaltli li miet Nazju fil-kazin. Mill-ewwel marli l-aptit ta' l-ikel u mort niġri l-każin, u hekk kien tassew.

Nazju miet fil-każin, il-każin li tant ħadem għalih, il-każin li tant iddedika ħinu u ħajtu għaih. Miet f'atmosfera kwieta mingħajr ma bata, kif wara kollox kien jistħoqqlu, imdawwar mill-aqwa ħbieb li kellu, fosthom Ġerald Ebejer, Benny Pace, Alfred Caruana, u Ġużeppi Calleja. Il-Bambin ried ukoll f'dak il-mument ikun hemm il-Kappillan Dun Tarcisio Delicata. Ma fadallix aktar xi ngħid Naz!! Ħlief li j'Alla l-każin tagħna jkollu aktar nies bħalek li jaħdmu ħajjithom kollha bl-akbar sinċerità u onestà.

**Referenzi:**

Arkivji Parroċċa Santa Marija, Il-Qrendi
Arkivji Każin tal-Banda San Gabriel